MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2012

Numru. 895/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Parente Goncalves Nicolas Adriano**

**U Charles Arnaud**

**Illum 5 ta' Settembru, 2012**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra:

**Parente Goncalves Nicolas Adriano** ta' 24 sena bin Adriano Parente Goncalves u Leone nee' Mxiedo imwieled il-Belgju nhar l-1 ta' Mejju, 1988 u residenti gewwa 'The Cube', Apartment 102, Triq Luqa Briffa, Gzira, Malta, detentur tal-karta ta' l-identita numru 70164(A);

**Charles Arnaud** ta' 23 sena bin Charles Yvon u Veronique nee' Vilien imwieled Franza nhar il-21 t'Awwissu, 1989 u residenti gewwa 'Trieste', Flat 4, Triq Imhallef Pawlu Debono, Msida, Malta u detentur tal-karta ta' l-identita Franciza numru 120841101033;

Talli nhar l-4 ta' Settembru, 2012 ghall-habta ta' 04:00 ta' filghodu gewwa San Giljan:

1. Ingurjaw, jew heddu jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzawhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustazni, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorriex il-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet leggittimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbew kontra PS 1128 Glenn Sammut, PC 1540 Edmond Fenech, PC 752 Justin Said, PC 1110 Mario Fenech, PC 445 Adrian Bugeja u PC 660 Alexander Mifsud sabiex jingurjawhom idejjquwhom jew jaghmlulhom hsara;

Nakkuza lil Charles Arnaud wahdu talli :-

7. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ PS 1128 Glenn Sammut, f’perikolu car, kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PS Glenn Sammut, hekk kif iccertifika Dr Mario Cilica detentur ta’ numru tar-registru mediku 1749 gewwa l-Isptar Mater Dei;

Semghet l-ammissjoni bikrija tal-imputati;

Fuq ammissjoni ssibhom hatja;

Rat l-artikoli 95, 96, 325(1)(c), 338(dd) u (ee), 339 (1)(d) u 221 tal-Kap 9;

Tikkundanhom ghal terminu ta’ pruginerija ta’ sitt (6) xhur, liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputati jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien tlett (3) snin mill-lum skond l-Artikolu 28 (A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Tikkundanna wkoll lil kull wiehed mill-imputati jhallsu lill-Kummissarju tal-Pulzija il-linja tad-danni ossia hsarat sofferti minn PS 1128 Glenn Sammut fl-ammont ta’ €50 kull wiehed.

Il-Qorti fehmet lill-imputati l-obbligi taghhom naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------